

# Malta Qabel u Wara l-Gwerra (1940-1944)



**Kitba ta' Pawlu Zammit**

Issib ħafna nies li għadhom jaħsbu li meta Benito Mussolini iddikkjara gwerra kontra l-Ingilterra u l-allejati tagħha nhar it-tnejn 10 ta' Ġunju 1940, Malta nqabdet mhux preparata fid-difiża tagħha. F'dawk li huma *xelters* u ajruplani tal-ġlied tassew li ma konniex daqshekk ippreparati. Niftakar ftit qabel il-gwerra missieri kien ordnat iħaffer *xelter* kbir fil-ponta tal-Isla. Kien hemm *xelter* enormi fil-mina taħt Putirjal li kien jesa' kważi l-popolazzjoni kollha tal-Belt. Diġà kellna fuq għaxar riġmenti ta' truppi ngliżi li ta' spiss kienu jiġu Malta mill-Ingilterra biex jieħdu sehem fl-"*Annual training camps*" fejn hafna minnhom kienu jkunu stazzjonati fl-għalqa l-kbira tal-imgħallem Raymond, fl-inħawi tat-Triq tal-Ħniena. Kellna l-fortizzi ta' *Cejli*, ta' Dellimara, ta' Tigne, ta' San Ġakbu, ta' fuq Kordin, ta' Ħas-Sejjieq, ta' Bubaqra, u ta' Ħal Xluq bejn il-Qrendi u s-Siġġiewi.

Bejn 1938 u 1939 kellna ngaġġ kbir ta' suldati fl-armata tal-infanterija stazzjonati fuq il-Mentna bejn il-Qrendi u l-Imqabba u f'għelieqi tal-inħawi. Dawn konna nsibuhom bħala "Suldati tas-Sold". Dawn ukoll kienu suldati tal-infanterija u tal-Pijunieri. Kellna wkoll għadd imdaqqas ta' suldati professjonali tal-R.M.A. fil-forti Sant Iermu li kellhom ix-xorti ħażina li fl-ewwel *raid* fuq Malta nhar il-11 ta' Ġunju 1940 ntlaqtu u mietu xi wħud minnhom, fosthom "Boy Soldier" Busuttil. Dakinhar sfaw attakkati Ħal Far u l-Kottonera. Diġà kellna battaljun sħiħ tal-K.O.M.R., segwit xahar wara b'battaljun ieħor, u aktar tard kellna t-tielet u l-għaxar battaljun tal-K.O.M.R.

Wara nibtu erba' kumpaniji tal-azzarini u *Machine Guns Platoons* imxerrda ma' ħafna nħawi ta' Malta. In-naħa tagħna, Wied Iż-Żurrieq ingħaqad mal-inħawi ta' Għar Lapsi, għal skop ta' difiża tal-kosta, u fejn luzzu kbir imgħobbi bi tmin suldati, għal darbtejn matul il-lejl kien isalpa lejn Filfla biex jissemmgħu ghal xi nġenji li setgħu kienu resqin lejn Malta. *Company Sergeant Mayor Muscat* kellu f'idejh l-arja tal-inħawi tal-Qrendi wara li din tneħħiet minn taħt il-ħarsien tad-*Devonshire Regiment*.

Ir-*Rifle Company* (A) kienet stazzjonata fl-inħawi ta' Bubaqra, il-(B) *Company* ħdejn Ħagar Qim, is-(C) *Company* fil-Palazz tal-Gwarena, u d-(D) *Company* fil-*Qrendi Airstrip*. Dan kien jifforma trijangolu immaġinarju ta' difiża bejn Ħal Far,Ħal Luqa,u l-Qrendi. Il-ġarr tal-ikel jew razzjon għas-suldati kien jinġarr fuq karettuni misjuqa minn bgħula jew ħmir. Nies magħrufa għal dan it-tip ta' xogħol insibu lill-Mattew Spiteri tat-Tromba, Karmnu Spiteri taż-Zerzier, Pawlu tal-Bambin,u Pietru Catania mlaqqam Pitinier. Feliċ Zammit mill-Imqabba mlaqqam tar-Reġina kellu karettun tal-molol(xarretta) li fiha kien iġorr iċ-*Chaplain* tal-Armata (*Father Borg)* li kien jieħu ħsieb il-kurà spiritwali tas-suldati.

*Ref.: Air Battles over Malta, 249 Squadron, Airwar over Malta, Malta blitzed but not beaten,* Tifkirieti.

Spitfire A3

